



Trek fl-UE

Vjaġġ ta' skoperta

Kif tilgħab din il-logħba



0. Introduzzjoni	3
1. Il-bidu tal-logħba	3
2. Agħżel livell.....	3
3. Agħżel pajjiż	5
4. Ilgħab pajjiż.....	5
4.a. Il-logħba tat-tqabbil tal-madumiet	6
4.b. Kwizz.....	7
4.c. Rawnd bonus	7
5. L-ikkompletar ta' pajjiż	7
6. L-ikkompletar ta' livell	8
7. Konfigurazzjonijiet	8
8. Speċifikazzjonijiet tekniċi	8

0. Introduzzjoni

Merħba!

Din il-logħba tieħdok għal vjaġġ fl-Ewropa. Inti se żżur pajjiżi differenti li diġà huma fl-Unjoni Ewropea (UE) u l-pajjiżi li jittamaw li jissieħbu fil-futur. Se twieġeb mistoqsijiet dwar il-pajjiżi li fihom se tivjaġġa u titgħallem dwarhom filwaqt li tilgħab ukoll logħba tat-tqabbil tal-madumiet biex tirbaħ jokers, li se jgħinuk timxi 'l quddiem waqt il-vjaġġ tiegħek.

Lest? Tlaqna!

Numru ta' ġugaturi: individwali:

Tul ta' żmien: bejn wieħed u ieħor 10 minuti għal kull pajjiż

Pajjiżi li wieħed jista' jilgħab:

- It-28 Stati Membri tal-Unjoni Ewropea
- Kandidati u kandidati potezjali (pajjiżi li jixtiequ jissieħbu fl-Unjoni Ewropea fil-futur): Il-Bosnja u Ħerzegovina, is-Serbja, il-Montenegro, il-Kosovo*, l-Albanija, l-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u t-Turkija

Il-logħba tispiċċa meta l-pajjiżi kollha jkunu ntlagħbu.


1. Il-bidu tal-logħba

Wara introduzzjoni qasira fuq l-iskrin, il-logħba turi mappa kkulurita tal-Ewropa. Il-pajjiżi kollha b'kuluri jgħajtu huma livelli li jistgħu jintlagħbu. Il-kulur jindika il-livell li jifforma parti minnu l-pajjiż. L-Istati Membri tal-UE huma parti minn blokki differenti ta' kulur li jirrapreżentaw is-sena meta ssieħbu mal-Unjoni Ewropea. Il-pajjiżi bil-blu ċar (il-Bosnja u Ħerzegovina, is-Serbja, il-Montenegro, il-Kosovo*, l-Albanija, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, it-Turkija) bħalissa huma kandidati jew kandidati potenziżjali li jittamaw li jissieħbu fl-UE.

2. Agħżel livell

Dan jista' jsir minn "Agħżel livell" fil-menu fin-naħa ta' fuq tal-iskrin. Ikklikkja fuq sena u l-pajjiżi kollha li ssieħbu fl-UE dik is-sena se jkunu indikati fuq il-mappa.

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Kosovo.



Agħfas il-buttuna LI JMISS biex tagħżel il-pajjiż minn dan il-livell li tixtieq tilgħab. Agħfas il-buttuna LURA biex tmur lura lejn il-menu li jinfetaħ u agħżel sena/livell differenti.

Agħfas fuq il-buttuna “Kandidati u kandidati potenzjali” biex tilgħab il-pajjiżi li jittamaw li jissieħbu fl-UE fil-ġejjieni.


Nota: Il-menu tal-konfigurazzjonijiet (ikona ta' rota bis-snin, isfel fuq in-naħa tax-xellug) hija aċċessibbli biss minn dan l-iskrin. L-utent jista' jimxi permezz tal-buttuna lura biex jerġa jmur lura fuq dan l-iskrin meta jkun f'taqsima differenti tal-logħba.

Il-menu tal-konfigurazzjonijiet jagħti aċċess għat-tutoraġġi, avviż legali u jiftaħ ukoll l-għażla li wieħed jerġa jikkonfigura l-logħba.



3. Agħżel pajjiż

Wara li tagħżel livell, il-pass li jmiss huwa li tagħżel pajjiż. Bdejt billi tagħżel sena? Dawn huma l-pajjiżi li nġaħqu mal-UE f'dik is-sena. Bdejt billi tagħżel "kandidati u kandidati potenzjali"? Dawn huma l-pajjiżi li jittamaw li jingħaqu mal-UE fil-ġejjieni.



Agħżel il-pajjiż li tixtieq tilgħab l-ewwel. Ladarba tlesti l-logħba magħżula, se tintbagħat lura għal din il-lista biex tagħżel pajjiż ieħor mill-istess livell. Tista' wkoll tmur iktar lura u tagħżel pajjiż minn livell differenti.

Ladarba tkun għażilt il-pajjiż li se tilgħab, il-logħba tiffoka fuq dak il-pajjiż. Ikklikkja "KOMPLI" biex tibda tilgħab. Fi kwalunkwe ħin, tista' tikklikkja fuq "LURA" biex tagħżel pajjiż ieħor.


4. Ilgħab pajjiż

Ladarba tkun dħalt f'pajjiż, tara tliet livelli (bin-numru 1, 2 & 3), li trid tilgħab biex tilħaq il-kapitali. Skont meta jmiss, se tilgħab logħba ta' tqabbil tal-madumiet, imbagħad, kwizz. Ikklikkja fuq "1" biex tibda tilgħab.

Il-prosegwiment tal-logħba għal kull pajjiż isegwi l-istess skema.

- Il-logħba tat-tqabbil tal-madumiet
- Kwizz
- Il-logħba tat-tqabbil tal-madumiet
- Kwizz Finali (Kapitali)

- Rawnd bonus (kwizz mhux obligatorju) — jista' jintlagħab fi kwalunkwe ħin meta wieħed ikun f'pajjiż.



Ikklikkja fuq il-buttuna l-blu “i” biex tikseb aktar informazzjoni dwar il-pajjiż li qed iżżur. Kwalunkwe pajjiż li diġà tkun lagħbt ikun immarkat fuq il-mappa b'kulur blu skur (l-Istati Membri tal-UE) jew griż (kandidati u l-kandidati potenzjali). Dan jgħin biex tara liema pajjiżi għad fadal x'tilgħab.

4.a. Il-logħba tat-tqabbil tal-madumiet

Fil-logħba tat-tqabbil tal-madumiet il-ġugatur ikollu jikseb mill-inqas tliet simboli tal-istess kulur u għamla, f'linja sabiex ikissirhom. Id-diffikultà tal-logħba tiżdied gradwalment f'termini ta' żmien, punt, silġ u azzjonijiet.

- **Ħin:** Il-logħba tispiċċa/mitlufa meta l-ħin ikun skada. Il-bqija tal-ħin huwa indikat fil-kantuniera tal-lemin fuq in-naħa ta' isfel tal-iskrin.
- **Punti:** Il-logħba tintrebaħ meta l-ammont ta' punti stabbilit huwa milfuq billi jtkissru l-blokok. In-numru ta' punti miksuba huwa indikat fil-kantuniera tax-xellug fuq in-naħa ta' isfel tal-iskrin.
- **Silġ:** Dawn huma blokok b'immaġini b'hal silġ fl-isfond. Blokok ser ikollhom jiġu analizzati billi jiċċaqilaq il-madum u tinħoloq ringiela ta' tliet simboli jew aktar. Il-logħba tintrebaħ meta l-blokok tas-silġ kollha jiġu miksur. In-numru ta' blokok tas-silġ li jkun għad fadal x'jinkiser jidher fin-naħa ta' isfel fuq il-lemin tal-iskrin.
- **Azzjonijiet:** Il-logħba tintrebaħ meta l-ammont stabbilit ta' punti/blokok tas-silġ kollha huma maqsuma fi ħdan in-numru ta' azzjonijiet disponibbli. In-numru ta' azzjonijiet li jkun għad fadal jidher fin-naħa ta' isfel fuq il-lemin tal-iskrin.

Tliet boosts differenti għal-logħba tat-tqabbil tal-madumiet jistgħu jinkisbu billi jiġu kkompletati kwizzes, li jinsabu viżwalizzati b'ħala Ħin+/Azzjoni+, Neħħi l-Linja u Neħħi l-Kulur.

- **Ħin+/Azzjoni+:** Din iżżid xi żmien jew azzjoni għall-ammont bażiku stabbilit fil-bidu tal-logħba tat-tqabbil tal-madumiet.
- **Neħni I-Linja:** Din tneħni I-blokk kollha fl-istess linja jew kolonna.
- **Neħni I-Kulur:** Din tneħni I-blokk kollha tal-istess kulur.

4.b. Kwizz

Il-ġugatur jintalab kwistjonijiet differenti dwar il-pajjiż magħżul. Kull mistoqsija ssegwi l-istess format b'għażla multipla: mistoqsija waħda u erba' tweġibiet possibbli, li minnhom waħda biss hija korretta.

Xi mistoqsijiet jinkludu informazzjoni addizzjonali li jtilgħu f'pop-up f'paġna ġdida wara li t-tweġiba tkun ġiet magħżula. Kwistjonijiet oħra jinkludu ikona ċekjkna li tissuġġerixxi stampi jew kontenut tal-media biex tgħin lill-ġugatur isib it-tweġiba korretta.

Bħala għajnuna addizzjonali, il-ġugaturi jista' jirbaħ jokers matul il-parti ta' tqabbil tal-madumiet u fil-livell tal-bonus. Hemm tliet kategoriji ta' jokers:

- **Aqbeż mistoqsija:** It-twegiba t-tajba tintgħazel awtomatikament.
- **50:50:** Żewġ tweġibiet ħżiena jitneħnew awtomatikament.
- **Erga' prova (ikona stilla):** Jekk tweġiba magħżula hija żbaljata, il-ġugatur ikollu ċans ieħor.

Il-ġugatur irid iwieġeb b'mod korrett mill-inqas 3 minn 5 mistoqsijiet tal-kwizz biex ilesti l-logħba. Meta twieġeb il-ħames mistoqsijiet kollha b'mod korrett, jinfetaħ booster għal-logħba tat-tqabbil tal-madumiet.

Jekk int tajjeb fil-logħba tat-tqabbil tal-madumiet, tkun tista' tirbaħ jokers biex jgħinuk fir-rawnd tal-kwizz u viċi versa.

Jokers (għall-kwizz) u boosts (għal-logħbiet tat-tqabbil tal-madumiet) jistgħu jintużaw darba biss u jridu jergħu jintrebu mill-ġdid sabiex ikunu disponibbli mill-ġdid. M'hemm l-ebda possibbiltà li joker jew booster jintreba ladarba jintuża.

4.c. Rawnd bonus

Ir-rawnd bonus (buttuna stilla) huwa kwizz addizzjonali li jista' jintlagħab fi kwalunkwe ħin meta wieħed ikun f'pajjiż. Fil-pajjiżi tal-UE dan jinkludi mistoqsijiet dwar il-pajjiżi li jixtiequ jissieħbu mal-UE fil-futur — il-kandidati u l-kandidati potenzjali. Meta tilgħab il-kandidati u l-kandidati potenzjali, il-mistoqsijiet tar-rawnd bonus huma dwar l-Unjoni Ewropea.



Mhuwiex obligatorju li wieħed iwieġeb b'mod korrett il-mistoqsijiet fir-rawnd bonus. Il-ġugatur jirbaħ joker awtomatikament fi tmiem ir-rawnd bonus minkejja l-punteġġ/riżultat. Il-joker miksub jista' jintuża għal kwalunkwe kwizz fil-logħba.

5. L-ikkompletar ta' pajjiż

Ladarba tkun lestejt tilgħab il-kwizz u l-logħbiet tat-tqabbil tal-madumiet fil-pajjiż, inti tiġi mistieden tagħżel il-pajjiż li jmiss li tixtieq tilgħab — jew mill-istess livell (l-istess sena ta' sħubija mal-UE għall-Istati Membri jew pajjiż ieħor li jittama li jissieħeb mal-UE jekk tkun qed tilgħab il-kandidati u l-kandidati potenzjali). Tista' wkoll tilgħab kwalunkwe pajjiż ieħor fil-logħba, anke minn livell differenti, permezz tan-navigazzjoni b'lura fil-logħba. Meta pajjiż ikun tlesta, isimu jsir griż fil-lista tal-pajjiżi u ma jistgħax jerġa' jintlagħab. Ikun jista' jintlagħab mill-ġdid jekk il-logħba tiġi rissetjata permezz tal-menu tal-konfigurazzjonijiet.

6. L-ikkompletar ta' livell

Meta l-ġugatur itemm il-pajjiżi kollha ta' livell speċifiku, il-livell isir griż fil-ħarsa ġenerali "Aġħzel Livell" u l-pajjiżi huma mmarkati fuq il-mappa b'kulur blù skur (jekk huma Stati Membri tal-UE) jew griż (jekk huma kandidati u kandidati potenzjali). Jekk il-livell komplut kien wieħed mill-Istati Membri tal-UE, qabel ma tgħaddi għal livell differenti, il-ġugatur jiġi mistieden iżur wieħed mill-pajjiżi li jixtiequ jissieħbu fl-UE fil-ġejjieni. Wara li jilgħab wieħed mill-kandidati u kandidati potenzjali, il-ġugatur jerġa' lura għall-iskrin "Aġħzel Livell", fejn ikun jista' jkompli l-vjaġġ billi jagħżel livell/pajjiż ieħor biex jilgħab.

Il-livell finali ma jistgħax jerġa' jintlagħab sakem ma tiġix irrisettjata l-logħba.

7. Konfigurazzjonijiet

Fil-menu tal-konfigurazzjonijiet, il-ġugatur għandu l-għażla li jerġa' jissettja l-logħba permezz tal-buttna "Irrisettja l-Logħba". Meta tintgħażel din l-alternattiva, il-logħbiet kollha ssejvjati jitħassru. Jekk jogħġbok erġa' ibda l-applikazzjoni wara. Barra minn hekk, il-ġugatur għandu l-għażla li jerġa' jaqra t-tutoraġġ li jintuża fl-ewwel prosegwiment tal-logħba.

8. Speċifikazzjonijiet tekniċi

Il-logħba hija disponibbli f'żewġ verżjonijiet: Il-verżjoni tal-Browser u dik Awtonoma (offlajn).

Il-verżjoni tal-Browser tista' tintlagħab biss permezz tas-sit web tal-UE fuq il-browsers komuni u aġġornati kollha (eż. Microsoft Edge, Mozilla Firefox u Google Chrome). Ma huma meħtieġa l-ebda konfigurazzjoni ulterjuri jew drittijiet ta' użu speċjali.

Il-verżjoni awtonoma jew offlajn tal-logħba tista' titniżżel mis-sit web tal-Kummissjoni Ewropea. Il-fajl tal-installatur jaħdem ma' kull sistema operattiva Windows aġġornata. Wara li tikklikkja darbtejn fuq il-fajl li tkun niżżilt jekk jogħġbok segwi l-istruzzjonijiet tal-installazzjoni. Wara l-installazzjoni, il-logħba tista' tiġi mnedija permezz tax-shortcut tagħha.